



## Ġabra tal-ġurisprudenza

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla) tat-13 ta' Settembru 2018 – Eduard Meier vs EUIPO – Calzaturificio Elisabet (Safari Club)

(Kawża T-418/17)

“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti ta’ oppożizzjoni – Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea Safari Club – Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti WS Walk Safari – Raġuni relattiva għal rifjut – Probabbiltà ta’ konfużjoni – Xebħ tas-sinjal – Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1001)”

1. *Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Definizzjoni u kisba tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea – Raġunijiet relattivi għal rifjut – Oppożizzjoni mill-proprietarju ta’ trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu – Probabbiltà ta’ konfużjoni mat-trade mark preċedenti – Kriterji ta’ evalwazzjoni*

(Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 8(1)(b))

(ara l-punti 17, 18)

2. *Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Definizzjoni u kisba tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea – Raġunijiet relattivi għal rifjut – Oppożizzjoni mill-proprietarju ta’ trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu – Probabbiltà ta’ konfużjoni mat-trade mark preċedenti – Trade mark preċedenti kkostitwita minn trade mark tal-Unjoni Ewropea – Rifjut ta’ reġistrazzjoni minħabba raġuni relattiva għal rifjut anki limitata għal parti tal-Unjoni*

(Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 8(1)(b))

(ara l-punt 19)

3. *Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Definizzjoni u kisba tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea – Raġunijiet relattivi għal rifjut – Oppożizzjoni mill-proprietarju ta’ trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu – Xebħ bejn it-trade marks ikkonċernati – Kriterji ta’ evalwazzjoni – Trade mark kumplessa – Determinazzjoni tal-komponenti jew komponenti determinanti*

(Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 8(1)(b))

(ara l-punti 22, 24 sa 26, 39)

4. *Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Definizzjoni u kisba tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea – Raġunijiet relativi għal rifjut – Oppożizzjoni mill-proprietarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu – Xebh bejn it-trade marks ikkonċernati – Evalwazzjoni tal-karatru distintiv ta' element li jikkomponi trade mark*

(Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 8(1)(b))

(ara l-punti 23, 36)

5. *Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Definizzjoni u kisba tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea – Raġunijiet relativi għal rifjut – Oppożizzjoni mill-proprietarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu – Xebh bejn it-trade marks ikkonċernati – Elementi ta' trade mark b'karatru deskrittiv*

(Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 8(1)(b))

(ara l-punt 27)

6. *Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Definizzjoni u kisba tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea – Raġunijiet relativi għal rifjut – Oppożizzjoni mill-proprietarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu – Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti – Trade mark verbali Safari Club u trade mark figurattivi WS Walk Safari*

(Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 8(1)(b))

(ara l-punti 37, 45, 46, 50, 53, 54, 60 sa 66)

## Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-2 ta' Mejju 2017 (Każ R 1158/2016-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Calzaturificio Elisabet u Eduard Meier.

## Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tat-2 ta' Mejju 2017 (Każ R 1158/2016-4) hija annullata sa fejn laqgħet l-oppożizzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea Safari Club għall-prodotti “boroż fejn tinżamm il-qabda mill-kaċċa” u “ħwejjeġ għall-kaċċa, ħwejjeġ u żraben tal-kaċċa”.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

- 3) Kull parti għandha tbat l-ispejjeż rispettivi tagħha.